**14 ta' Marzu, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Elizabeth Grech

*versus*

Carmela Vella

## Opramorta - Interess Ġuridiku

*L-opramorta hija servitù legali magħmula favur il-fond li jbati l-introspezzjoni u mhux favur il-persuna li tgħammar fil-fond għalkemm l-iskop huwa li jiġi eliminat l-inkonvenjent ta' din il-persuna.*

*Għad li fil-liġi Maltija ma hemm ebda disposizzjoni* ad hoc *dwar l-interess ġuridiku bħalma hemm per eżempju fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Taljan, eppure l-istess prinċipji dejjem ġew affermati mill-Qrati Maltin.*

*Dan l-interess huwa l-miżura ta' l-azzjoni u jrid ikun ġuridiku ċjoè l-*

*interess li l-attur ghandu li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob. Dan l-interess irid ikun anke leġittimu, jiġifieri konformi għad-dritt: u jekk dan ikun biss interess u mhux anke dritt, l-azzjoni ma tregix. Dan id-dritt għandu jkun fil-konfront tal-konvenut.*

*L-attriċi bħala persuna li tgħix fil-fond dominanti jista' jkollha interess li l-konvenut itella' l-opramorta iżda ma għandhiex dritt li tikkostringih itella' l-opramorta u għalhekk jonqos fiha l-interess ġuridiku rikjest mil-liġi biex tipproponi din l-istanza.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, premess illi hija l-inkwilina tal-fond 96A, Triq ir-Rinella, il-Kalkara adjaċenti għall-fond 96, Triq ir-Rinella, il-Kalkara proprjetà tal-konvenuta; premess li l-bejt tal-fond proprjetà tal-konvenuta fuq imsemmi jagħti għall-bitħa u setaħ tal-post okkupat mill-attriċi bħala inkwilina fuq imsemmija; premess li l-bejt tal-fond proprjetà tal-konvenuta huwa aċċessibbli b'taraġ u l-ħajt diviżorju mil-livell tal-bejt tal-konvenuta mhuwiex fl-għoli ta' sitt piedi skond il-liġi; talbet li dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tagħmel dawk mil-livell tal-bejt tal-fond, 96 Triq ir-Rinella, il-Kalkara, mill-għoli ta' sitt piedi skond il-liġi u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss u taħt is-sorveljanza ta' perit li jiġi nnominat u fin-nuqqas tawtorizza lill-attriċi tagħmel l-istess xogħlijiet hi a spejjeż tal-konvenuta taħt is-sorveljanza ta' l-istess perit innominat. Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Settembru, 1978;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuta li eċċepiet li hemm karenza ta' interess da parti ta' l-attriċi stante din mhijiex l-inkwilina tal-fond 96A, Triq ir-Rinella, il-Kalkara, kif qiegħda

tallega fiċ-ċitazzjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Mejju, 1979, li lliberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attriċi, wara li kkunsidrat:

Illi l-attriċi tgħix fil-fond li fih isir l-introspezzjoni mill-bejt in kwistjoni. Hija tgħix ma' ommha li hija l-inkwilina. L-attriċi tgħid li min jitla' fuq il-bejt iħares għal ġol-kmamar tagħha;

L-artikolu 464 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li dak li fil-bini tiegħu hemm taraġ li jieħu għall-bejt, għand jgħolli, spejjeż tiegħu, il-ħajt diviżorju sa 6 piedi mil-livell tal-bejt. Dan l-artikolu ġie kostantement interpretat fis-sens li mhux meħtieġ li jkun hemm taraġ regolari u biżżejjed li l-bejt ikun aċċessibbli permezz ta' sellum u jkun abitwalment użat. Il-leġislatur ried li jelimina l-introspezzjoni għal ġo proprjetà ta' ħaddieħor bil-konsegwenti skomdu lil min jgħammar fil-fond soġġett għal dik l-introspezzjoni;

Dan l-artikolu jikkrea servitù legali magħmula għar-raġunijiet ta' *ordine pubblico*. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza riportata fil-Volum XXVI.I.466 qalet: "*L'opera morta di cui all'articolo 123 Ord. VII del 1868* (illum 464 Kap. 23) *deve considerarsi quale servitù legale nel senso di una limitazione reciproca imposta per ordine pubblico all'esercizio del diritto di proprietà vicine o contigue, la naturale conseguenza che discende da tale principio è che, trattandosi di disposizione restrittiva della proprietà, deve ricevere la sua applicazione e deve avere effetto nei soli limiti delle circostanze che rendono necessario o almeno vantaggioso l'innalzamento dell'opera morta*";

Bħala servitù legali din hija magħmula favur il-fond li jbati l-introspezzjoni u mhux favur il-persuna li tgħammar fil-fond għalkemm l-iskop huwa li jiġi eliminat l-inkonvenjent ta' din il-persuna;

Sabiex wieħed jista' jaġixxi ġudizzjarjament hemm bżonn li jkollu interess li jagħmel il-kawża. Għad li fil-liġi Maltija ma hemm ebda disposizzjoni *ad hoc* dwar l-interess ġuridiku bħalma huwa per eżempju fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Taljan, *eppure l-istess prinċipji dejjem ġew affermati mill-Qrati* Maltin. Dan l-interess huwa l-miżura ta' l-azzjoni u jrid ikun ġuridiku ċjoè l-interess li l-attur għandu li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob (XLIV.I.247). Dan l-interess irid ikun anke leġittimu, jiġifieri konformi għad-dritt; u jekk dan ikun biss interess u mhux anke dritt, l-azzjoni ma treġix. Dan id-dritt għandu jkun fil-konfront tal-konvenut (XLII.II.1033);

L-attriċi bħala persuna li tgħix fil-fond dominanti jista' jkollha interess li l-konvenut itella' l-opramorta iżda ma għandhiex dritt li tikkostrinġih itella' l-opramorta u għalhekk jonqos fiha l-interess ġuridiku rikjest mil-liġi biex tipproponi din l-istanza;

Rat il-petizzjoni ta' l-attriċi li appellat minn dik is-sentenza u talbet lil din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza u tilqa' t-talba attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-*konvenuta appellata*;

Rat l-atti kollha relevanti u opportuni;

Semgħet *it-trattazzjoni ta' l-appell*;

Ikkunsidrat:

Fl-ewwel lok għandu jiġi rrilevat illi għalkemm fl-att taċ-ċitazzjoni l-attriċi tippremetti li hija l-inkwilina tal-fond 96A, Triq ir-Rinella, il-Kalkara, fil-fatt jirriżulta mill-provi li l-inkwilina mhijiex l-attriċi, iżda ommha, u l-attriċi tgħix magħha;

Kif jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili, l-interess hu l-miżura ta' l-azzjoni, u dan l-interess irid ikun attwali, leġittimu u ġuridiku. L-interess huwa essenzjalment distint mid-dritt, però, dan l-interess irid ikun konformi għad-dritt, ċjoè leġittimu;

Kif jispjega l-Mattirolo (Vol. I, paġ. 50), "*se l-intersse è acompagnato dal diritto, non vi ha azione ...; cosi che, per istituire un giudizio, non basta che un fatto d'altri pregiudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico, che non esiste se non è injuria datam, se, cioè, non è prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto*";

Mhux kull interess, għalhekk, huwa biżżejjed biex jiġġustifika l-azzjoni, il-għaliex jekk min jipproponi l-azzjoni jkollu l-interess li jipproponiha, imma mhux ukoll id-dritt li jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi;

Fil-każ in eżami, kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-attriċi jista' jkollha interess li l-konvenuta ttella' l-opramorta, iżda ma għandhiex id-dritt iġġiegħlha ttella' dik l-opramorta, u għalhekk jonqos fiha l-interess ġuridiku;

L-artikolu 464 tal-Kodiċi Ċivili, li jitkellem dwar it-titligħ ta' ħajt diviżorju jekk il-bini għandu taraġ li jagħti għall-bejt, jinsab fit-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, intitolat: "Fuq il-Jeddijiet fuq il-Bini", taħt it-Titolu IV. "Fuq is-Servitujiet

Predjali" u ġie dejjem ikkunsidrat u ttrattat fil-ġurisprudenza tagħna bħala servitù legali favur il-fond li jbati l-introspezzjoni u mhux favur il-persuna li minn żmien għal żmien tkun tgħix f'dak il-post. Kif josserva il-Pacifici Mazzoni, infatti, "*la servitù non può essere imposta che sopra una cosa, ma può essere stabilita a favore tanto di una cosa, quanto di una persona. Di qua la distinzione della servitù in prediale e personale rapporto al soggetto a cui deve profittare*" (*Codice Civile Italiano Commentato*, Vol. I, Libro II, p. 310);

Għal dawn il-motivi għalhekk, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-attriċi appellanti.